MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru. 1260/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J Abdilla]**

**vs**

**Herbert Cassar**

**Kumpilazzjoni Numru: 1260/2009**

**Illum, 11 ta’ April 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Herbert Cassar ta’ 61 sena, bil-mejjet Andre Joseph u il-mejta Josephine nee’ Ferrante, imwieled Sliema fit-18 ta’ Awissu, 1948, residenti fil-fond numru 19, Triq ir-Russett, Kappara (San Gwann) u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 730548(M).

Akkuzat

1. Talli f’ Novembru 2009, u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ Maria Galea, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizzi tieghu:

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi u kaz, fil-kapacita’ tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b’ taghkis jew bi hsara ta’ Maria Galea;

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi u kaz, ikkommetta tali reat, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b’ hekk sar hati ta’ reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna ukoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti, giet ukoll mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat f’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriiminali kif mahsub f’l-artikoli:
1. 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. 138 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi l-imputat huwa nutar pubbliku. Fis-sena 2006 certu Maria Galea nkarigatu biex jippublika dikjarazzjoni ta’ trasferiment causa mortis relattiva ghall-propjeta taxxabbli li din Maria Galea u hutha kienu wirtu bil-mewt ta’ ommhom. Il-flus li Galea u hutha kellhom ihallsu lin-Nutar, cioe t-taxxa pagabbli kif ukoll id-dritt u spejjez notarili, inghataw lill-imputat permezz ta’ cheque wiehed ghall-ammont intier mahrug minn fuq kont ta’ Galea. Ghadda z-zmien u la gie pubblikat l-att notarili u lanqas gie mssarraf ic-cheque. Peress li kienet skadiet il-validita ta’ dan ic-cheque Galea harget cheque iehor intestat lill-imputat; dan it-tieni cheque kien datat 20 ta’ Settembru 2006 u kien ghall-ammont ta’ tlett elef u mitt lira Maltija (Lm3,100). Fis-26 ta’ Settembru 2006 l-imputat iddepozita dan ic-cheque f’kont li huwa f’isem ibnu; l-imputat kellu prokura biex ikun jista’ jopera dan il-kont. Ghadda z-zmien u l-att dikjaratorju ta’ trasferiment causa mortis baqa ma giex ippublikat. Wara diversi interpellazzjonijiet da parti ta’ Maria Galea l-att gie ippubblikat fit-18 ta’ Awissu 2008 pero minkejja li saret l-publikazzjoni ta’ l-att l-imputat ma nsinwahx u lanqas hallas it-taxxa relattiva. Maria Galea inutilment interpellatu biex ihallas it-taxxa u jinsinwa l-att ghalhekk hija ghamlet rapport lill-pulizija. L-imputat gie mitlub imur ikellem lill-ufficjal prosekutur u hu hekk ghamel pero qabel ma mar id-depot tal-pulizija huwa hallas it-taxxa u insinwa l-att relattiv; dan gara fis-16 ta’ Novembru 2009. Dak in-nhar l-imputat hallas ukoll l-imghaxxijiet kollha li lahqu ddekorrew fuq l-ammont ta’ taxxa dovuta minn Maria Galea u hutha minhabba d-dekors taz-zmien.

Illi l-imputat jammetti li huwa ma insinwax l-att fuq imsemmi u ma hallas t-taxxa dovuta minn Galea u hutha peress li kellu problema ta'likwidita u konsegwentement ma setghax jaghmel il-hlas relattiv.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali hija l-appropjazzjoni indebieta a dannu ta' Maria Galea.

Illi jirrizulta li l-imputat giet inkarigat minn Galea biex huwa jippubblika l-att notarili ta' dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis; l-imputat inghata ukoll ammont ta' flus li kien ikopri d-dritt u spejjez tieghu kif ukoll l-ammont li kellu jithallas bhala taxxa ta' successjoni liema taxxa huwa kellu jhallas f'isem ta' Galea u hutha ma'l-insinwa ta'l-att. Jirrizulta mhux biss li l-imputat dam biex jippubblika l-att, imma irrizulta ukoll li, wara li ppublika l-att, l-imputat naqas li jhallas it-taxxa relattiva u li jinsinwa l-att; dan ghaliex, kif jirrizulta kemm mill-istqarrija tieghu kif ukoll mid-depozizzjoni tieghu, l-imputat utilizza l-flus mghoddija lilu minn Galea ghal skopijiet ohra u meta finalment ippubblika l-att relattiv huwa ma kellux flus biex ihallas it-taxxa.

Illi huwa principju ben stabbiliet fil-gurisprudenza taghna li *la appropiazione indebita si consuma col disporre della cosa contro la legge del patto stipulato a buona fede*[1]*.* Fil-kaz in ezami huwa cert li l-imputat utilizza l-flus fdati lilu minn Galea ghal xi skop iehor ghaliex meta finalment ippublika l-att notarili ma kellux flus biex ihallas it-taxxa dovuta minn Galea.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirrileva li l-istatement esebiet mid-difieza ma tantx jista jinghata piz bhala prova lil l-imputat kellu a dispozizzjoni tieghu l-flus li Galea kienet hallsietu. F'l-ewwel lok l-istatement fih

[1] Ref Maino: Commento al Codice Penale Italiano Vol IV pagna 104; ref Pulizija vs Raymond Falzon Appell Kriminali 17.04.1998; ref Pulizija vs John Bamber Appell Kriminali 08.06.2001

innifsu ma jurix li l-imputat kellu l-flus ta' Galea fil-pussess tieghu, imma juri biss li x'ammonti kienu depozitata f'dan il-kont minn zmien ghal zmien. Ta min kienu dawk il-flus u x'kienu jirraprezetaw ma giex pruvat. Fit-tieni lok, u ferm aktar importanti, l-imputat stess f'l-istqarrja tieghu jghid li kellux flus bizzejjed fil-kont biex ihallas it-taxxa ta' Galea; din l-asserzjoni irripetiha diversi drabi fid-depozizzjoni tieghu meta b'gurament qal li li ma setghax jinsinwa l-kuntratt ghaliex kien qieghed "daqxejn short".

Illi ghalhekk l-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija sodisfacjentement pruvata.

Illi b'l-agir tieghu l-imputat ikkawza hsara lil Maria Galea u hutha peress li bid-dewmien tieghu biex jippubblika l-att u eventwalment biex jinsinwah Galea u hutha kellhom ihallsu ferm aktar imghaxx fuq it-taxxa dovuta. It-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija konsegwentement pruvata ukoll.

Illi l-imputat in kwantu nutar huwa uffucjal pubbliku u huwa fid-dmir li jassigura li taxxa dovuta fuq atti notarili tithallas u li tithallas tempestivament; ghalhekk it-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija ukoll sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Bla dubbju l-ewwel konsiderazzjoni tal-Qorti trid tkun in-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Per oil-Qorti trid bil-fors tiehu in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-fatt li huwa rrimedja s-sitwazzjoni qabel ma ttiehdu proceduri kontra tieghu, u l-fatt li kull zvantagg soffert minn Galea u hutha minhabba in-nuqqasijiet ta'l-imputat (fil-forma ta' imghaxxijiet fuq it-taxxa) gew sborsati mill-imputat.  Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta'l-imputat li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hi allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 138, 141, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba

kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------